# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tas-6 ta' Marzu 2019

## Talba Numru 18/2018SFJ

## 360 Food Imports Limited (C46590)

## vs.

## Joseph Attard (102577M)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€595.93) ammont rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u ikkonsenjata lilu, bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax mid-19 ta' Ġunju 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa li tikkonsisti fi *statement* mibgħuta lill-konvenut li jindika s-somma dovuta kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

Ra li għalkemm fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018, il-kawża ġiet differita għal informazzjoni ulterjuri peress li l-avukat tas-soċjetà attriċi informa lit-Tribunal li l-konvenut kien jidher li kien ser iħallas dan id-debitu u talab differiment, fis-seduta segwenti, jiġifieri dik ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2018, it-Tribunal iddiferixxa l-kawża għall-aħħar darba għan-notifika u r-risposta tal-konvenut għall-20 ta' Novembru 2018 peress li ma kinitx kompletata l-proċedura tan-notifika.

Ra li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni nhar l-14 ta' Novembru 2018 u baqa' ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fit-23 ta' Jannar 2019, it-Tribunal ordna li jkun preżenti rappreżentant tas-soċjetà attriċi sabiex jinstema' taħt ġurament.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019, l-Avv. Jonathon Abela ippreżenta kapitolu u xehed taħt ġurament li s-somma kienet għadha dovuta. Peress li xehed għan-nom tas-soċjetà attriċi, it-Tribunal talab li tiġi ippreżentata reżoluzzjoni tal-bord tal-kumpanija li tawtorizzah jagħmel dan u jindika f'liema kapaċità kien qiegħed jidher.

Ra li din ir-reżoluzzjoni ġiet ippreżentata nhar is-1 ta' Marzu 2019 fir-Reġistru ta' dan it-Tribunal.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€595.93) bl-ispejjeż kif mitluba u bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**